KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI MENGOZZI

ippreżentati fit-13 ta' Settembru 2007 [1]

1. B'dawn il-proċeduri ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju sostanzjalment qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja a) jekk, indipendentement mir-riżultat konkret li twassal għalih, tistax titqies valida r-referenza li r-Regolament Nru 615/98 [2] jagħmel għad-Direttiva Nru 91/628/KEE [3] għall-finijiet ta' l-għoti ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni ta' annimali ta' l-ifrat, fejn din ta' l-aħħar tipprevedi l-kriterji li l-Istati Membri għandhom josservaw għall-protezzjoni ta' l-annimali in kwistjoni, u b) jekk tali referenza għandiex titqies valida meta jitqies ir-riżultat konkret li twassal għalih. Barra minn hekk, il-qorti nazzjonali qed tistaqsi dwar il-konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità ta' l-Artikolu 5(3) tar-regolament in kwistjoni, li jistabbilixxi li r-rifużjoni fuq l-esportazzjoni m'għandhiex tingħata għall-annimali li fir-rigward tagħhom l-awtorità kompetenti, fuq il-bażi ta' l-elementi disponibbli dwar l-osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 ta' l-imsemmi regolament, tqis li ma ġietx irrispettata d-Direttiva Nru 91/628.

I — Il-kuntest ġuridiku

2. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 13(9) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68, tas-27 ta' Ġunju 1968, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-laħam taċ-ċanga [4], hekk kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2634/97, [5] jissuġġetta l-ħlas tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' l-annimali ħajjin għall-osservanza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja relattiva għall-benesseri ta' l-annimali, prinċipalment, tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport.

3. Ir-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 805/68 ġew ippreċiżati mir-Regolament Nru 615/98.

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.

2 — Regolament tal-Kummissjoni, tat-18 ta' Marzu 1998, li jistabbilixxi regoli dettaljati li japplikaw is-sistema tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fir-rigward tal-benessri ta' bhejjem [annimali] ta' l-ifrat ħajjin matul it-trasport (ĠU L 82, p. 19).

3 — Direttiva tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 1991, dwar il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport u li temenda d-Direttivi 91/425/KEE u 91/496/KEE (ĠU L 340, p. 17), hekk kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/29/KE tad-29 ta' Ġunju 1995 (ĠU L 148, p. 52).

4 — ĠU L 148, p. 24.

5 — Regolament tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 1997 (ĠU L 356, p. 13).

4. L-Artikolu 1 tar-regolament imsemmi l-aħħar jippreċiża li l-ħlas tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjonijiet ta' annimali ta' l-ifrat ħajjin huwa suġġettat, b'mod partikolari, għall-osservanza tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628 matul it-trasport u sa l-ewwel post fejn jinħattu l-annimali fil-pajjiż terz tad-destinazzjoni finali.

5. Skond l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 615/98 l-annimali għandhom jiġu kkontrollati hekk kif joħorgu mit-territorju tal-Komunità. Veterinarju uffiċjali għandu jivverifika u jiċċertifika a) li l-annimali jkunu tajbin biex jagħmlu l-vjaġġ previst, skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628, b) li l-mezz ta' trasport li fuqu l-annimali ħajjin ikunu se jħallu t-territorju Komunitarju ikun konformi ma' dak li ġie stabbilit fid-direttiva msemmija, u c) li jkunu ġew adottati l-miżuri xierqa sabiex tkun iggarantita l-kura ta' l-annimali matul il-vjaġġ, hekk kif inhu previst mid-direttiva msemmija hawn fuq.

6. L-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 615/98 jistabbilixxi li:

"Ir-rifużjoni fuq l-esportazzjoni m'għandiex titħallas għall-annimali li jkunu mietu matul it-trasport jew għall-annimali li fir-rigward tagħhom l-awtorità kompetenti, fuq il-bażi tad-dokumenti li jissemmew fil-paragrafu 2, tar-rapport dwar il-kontrolli li jissemmew fl-Artikolu 4 u/jew ta' kwalunkwe element ieħor disponibbli rigward il-konformità ma' l-Artikolu 1, tqis li ma ġietx osservata d-Direttiva dwar il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport." [traduzzjoni mhux ufficiali].

7. Id-Direttiva 91/628 tistabbilixxi l-kriterji li l-Istati Membri jridu jsegwu għall-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport. B'mod partikolari, il-Kapitolu VII ta' l-Anness għall-imsemmija Direttiva jindika kull kemm għandhom jingħataw jixorbu u jieklu kif ukoll il-perijodi ta' vvjaġġar u ta' mistrieħ li jridu jiġu osservati matul it-trasport ta' annimali ħajjin. Rigward it-trasport ta' annimali ta' l-ifrat, il-punt 48(4)(d) u 48(5) ta' l-imsemmi kapitolu jistabbilixxi regola (li tissejjaħ "tad-29 siegħa"), li tgħid li l-annimali, wara 14-il siegħa ta' trasport iridu jistrieħu għal mill-inqas siegħa, li matulha jridu jingħataw jixorbu u, jekk ikun il-każ, jieklu. Wara dan jistgħu jiġu trasportati għal 14-il siegħa oħra, biex imbagħad jinħattu, jingħataw jieklu u jixorbu u jistrieħu għal perijodu ta' mill-inqas 24 siegħa.

8. Fl-aħħarnett, il-punt 48(8) tal-Kapitolu VII ta' l-anness għad-direttiva jistabbilixxi li fl-interess ta' l-annimali, il-perijodi tal-vjaġġ skond il-punt 48(3), (4) u (7)(b) jistgħu jittawlu għal sagħtejn jekk titqies, b'mod partikolari, il-qrubija mal-post ta' destinazzjoni.

II — Il-fatti, it-talbiet preliminari u l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

9. Id-domandi li tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju ġejjin minn żewġ kawżi distinti li jikkonċernaw is-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' annimali ta' l-ifrat ħajjin. Fiż-żewġ każijiet l-kumpanniji rikorrenti ġew miċħuda d-dritt għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni minħabba nuqqas ta' osservanza tad-dritt Komunitarju dwar il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport.

10. Fl-ewwel waħda mill-kawżi li taw lok għal dawn il-proċeduri ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-kumpannija Viamex Agrar Handels (iktar 'il quddiem "Viamex") iddikjarat lill-Hauptzollamt ta' Kiel li kienet esportat lejn il-Libanu 35 bhima ta' l-ifrat ħajja.

11. Skond l-itinerarju oriġinali li kien iddikjarat lill-awtoritajet ta' Kiel, dan il-vjaġġ kellu jsir minn Neumünster sa Rasa, u kellu jdum 28 siegħa b'kollox. Mid-deċiżjoni tar-rinviju, jirriżulta, madankollu, li t-tagħbija in kwistjoni ħalliet il-post tat-tluq fis-13.30 u waslet fi Prosecco biss fl-16.00 ta' l-għada wara l-ewwel fażi ta' trasport li damet disa' sigħat u nofs, segwita minn pawża ta' sagħtejn biex l-annimali jingħataw jieklu u jixorbu, u mit-tieni fażi tat-trasport li damet għal 15-il siegħa, li matulha l-vjaġġ dam aktar milli kien previst minħabba, prinċipalment, żewġ waqfiet li saru minħabba li kellu jsir rapport ta' inċident kif ukoll minħabba li ġie kontrollat it-trasport. Fi Prosecco, skond kif ġie ppreċiżat fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-vjaġġ kompla fuq ordni mogħtija mill-veterinarju kompetenti ta' mal-fruntiera wara 20 siegħa ta' waqfien, li matulhom l-annimali nħattu, ngħataw jieklu u jixorbu. It-tagħbija waslet f'Rasa, bejn wieħed u ieħor wara erba' sigħat u nofs.

12. B'deċiżjoni ta' l-1 ta' Frar 2001 il-Hauptzollamt Hamburg — Jonas (iktar 'il quddiem il-"Hauptzollamt"), skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 615/98, ċaħad it-talba għal rifużjoni fuq l-esportazzjoni li għamlet Viamex, peress li qies li din ta' l-aħħar għamlet it-trasport in kwistjoni bi ksur tar-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni ta' l-annimali. B'mod partikolari, il-Hauptzollamt osserva li mill-pjan tat-trasport li ppreżentat Viamex kien jirriżulta li din ma żammitx mat-tul ta' żmien massimu tat-trasport li ġiet stabbilita fil-punt 48(4)(d) tal-Kapitolu VII ta' l-anness għad-Direttiva 91/628, peress li t-tieni fażi tal-vjaġġ damet għal aktar minn 14-il siegħa. Barra minn hekk, hekk kif inqabżu d-29 siegħa ta' vjaġġ, ma ġiex osservat il-perijodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas 24 siegħa previst mill-punt 48(5) ta' l-isemmi kapitolu, meta jitqies li l-waqfa li saret fi Prosecco damet biss 20 siegħa.

13. Sussegwentement, il-Hauptzollamt ċaħad l-oppożizzjoni ta' Viamex kontra d-deċiżjoni ta' rifjut tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni peress li qies bħala irrilevant ċ-ċirkostanza li semmiet Viamex bħala ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' osservanza tal-perijodu ta' mistrieħ ta' 24 siegħa, li skond din ta' l-aħħar kienet dovuta esklużivament għall-veterinarju Taljan ta' mal-fruntiera, li ordna lis-sewwieq tat-trakk biex ikompli l-vjaġġ wara biss 20 siegħa ta' waqfien, wara li kien żgura ruħu li l-annimali kienu f'kundizzjoni tajba biex jivvjaġġaw. Il-Hauptzollamt osserva, l-ewwelnett, li middokumenti ppreżentati minn Viamex ma jirriżultax li kien il-veterinarju ta' mal-fruntiera li ta istruzzjonijiet rigward it-tkomplija tal-vjaġġ u li, fi kwalunkwe każ, kellu jkun it-trasportatur li jinforma ruħu dwar u japplika tajjeb il-perijodi ta' mistrieħ previsti mid-direttiva.

14. Fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet fuq il-kwistjoni tad-differenza fil-pożizzjonijiet li kien hemm fil-proċedimenti amministrattivi billi indikat li, fuq il-bażi tal-mistoqsijiet li saru lis-sewwieq inkarigat mit-trasport in kwistjoni, jirriżulta li l-vjaġġ kompla fuq ordni tal-veterinarju kompetenti, u li din id-deċiżjoni s-sewwieq ma seta' jinfluwenzaha bl-ebda mod; skond il-qorti tar-rinviju, din l-informazzjoni ta' l-aħħar kienet ikkonfermata mill-konstatazzjonijiet li għamel fi proċeduri oħra li kienu jikkonċernaw kwistjonijiet simili relattivi għall-osservanza taż-żminijiet ta' mistrieħ previsti mid-direttiva in kwistjoni.

15. Fit-tieni kawża li tat bidu għall-proċeduri ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari in kwistjoni, ZVK iddikjarat lill-Hauptzollamt ta' Bamberg — Zollamt Coburg — li riedet tesporta 32 bhima ta' l-ifrat ħajja lejn l-Eġittu, u għalihom talbet, u suċċessivament kisbet, rifużjoni fuq l-esportazzjoni f'forma ta' ħlas bil-quddiem.

16. Meta ntemm il-vjaġġ, wara l-eżami talpjan tal-vjaġġ li ppreżentat ZVK, il-Hauptzollamt kompetenti ħareġ miżura ta' rettifika li permezz tagħha talab, skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 615/98, ir-rimbors tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni mogħtija lil ZVK bħala ħlas bil-quddiem flimkien ma' somma addizzjonali minħabba li ma kkonformatx, fil-kuntest tat-trasport in kwistjoni, mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-benesseri ta' l-annimali.

17. Għalkemm id-deċiżjoni tar-rinviju mhijiex partikolarment ċara dwar kif seħħ it-trasport in kwistjoni, jirriżulta minnha li a) skond il-Hauptzollamt kompetenti, fit-trasport in kwistjoni, ZVK ma rrispettatx il-limiti ta' tul ta' żmien previsti mill-punt 48(4)(d) tal-Kapitolu VII ta' l-anness għad-Direttiva 91/628, u li b) għat-tul ta' żmien tat-trasport in kwistjoni kienet inkluża waqfa ta' kważi seba' sigħat fil-punt ta' ħruġ mit-territorju doganali tal-Komunità, li saret sabiex ikun hemm kontroll min-naħa tal-veterinarju ta' mal-fruntiera.

18. Kontra l-miżuri ta' ċaħda ta' l-oppożizzjonijiet ippreżentati, rispettivament minn Viamex kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tar-rifjużjoni fuq l-esportazzjoni u minn ZVK kontra l-miżura ta' rettifika tar-rimbors tar-rifużjoni li ngħatat bil-quddiem, dawn il-kumpanniji ppreżentaw rikorsi għall-annullament ta' dawn id-deċiżjonijiet quddiem il-Finanzgericht ta' Hamburg, li, peress li kellha xi dubji rigward il-validità ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 615/98 u rigward il-kompatibbiltà mal-prinċipju ta' proporzjonalità ta' l-Artikolu 5(3) ta' l-isemmi regolament, issospendiet il-proċedimenti pendenti quddiemha u għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja dawn id-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 615/98 hu validu fil-parti fejn jissuġġetta l-għoti tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni għall-osservanza tad-Direttiva 91/628/KEE dwar il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda: id-dispożizzjoni li tinsab fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 615/98, skond liema r-rifużjoni fuq l-esportazzjoni ma titħallasx għall-annimali li għalihom l-awtorità kompetenti tqis, fuq il-bażi ta' kull element ieħor għad-dispożizzjoni tagħha dwar l-osservanza tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 615/98, li d-direttiva [91/628] ma tkunx ġiet osservata, hija kompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità?"

19. Skond l-Artikolu 23 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja Viamex, ZVK, il-Hauptzollamt, il-Gvern Żvediż kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-mitkub. Waqt is-seduta kienu preżenti r-rappreżentanti ta' Viamex, ZVK, tal-Gvern Ġermaniż u tal-Kummissjoni.

A — *L-argumenti tal-partijiet*

20. ZVK tqis li r-referenza li jagħmel l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 615/98 mhijiex valida fil-parti fejn dan jissuġġetta r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-konformità mad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjoni totalment differenti, jiġifieri l-protezzjoni ta' l-annimali. Għall-kuntrarju, il-benesseri ta' l-annimali għandu jiġi ggarantit permezz ta' strumenti aktar adattati bħal, pereżempju, sistema ta' sanzjonijiet speċifiċi. Barra minn hekk, l-imsemmija referenza tmur kontra l-prinċipju taċ-ċertezza legali peress li tiġi applikata b'mod globali u mingħajr distinzjoni għad-Direttiva kollha, inklużi dispożizzjonijiet li għandhom impatt biss b'mod indirett fuq il-benesseri ta' l-annimali. Sussidjarjament, ZVK tosserva li l-Artikolu 5(3) tar-regolament in kwistjoni, billi jipprovdi

għat-telf tad-drittijiet fuq l-esportazzjoni minħabba kwalunkwe ksur tad-direttiva u irrispettivament minn impatt konkret fuq il-benesseri ta' l-annimali, huwa manifestament sproporzjonat għall-għan li ried jilħaq il-leġiżlatur, li hu li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-benesseri ta' l-annimali, u mhux, li jiġi sanzjonat aġir li ma jikkompromettix dan l-għan. Fl-aħħarnett, in-natura manifestament sproporzjonata tad-dispożizzjoni in kwistjoni hija kkonfermata mill-fatt li ma ġiex previst li l-obbligu tar-rimbors jiġi eskluż f'każijiet ta' forza maġġuri, fejn iż-żamma ta' dritt għar-rifużjoni jevita li jkun hemm "inġustizzji lampanti".

21. Min-naħa tagħhom, il-Kummissjoni, il-Hauptzollamt u l-Gvern Żvediż iqisu li l-Artikolu 1 tar-regolament in kwistjoni huwa validu u li l-Artikolu 5(3) ta' l-istess regolament huwa konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

22. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-validità, l-imsemmija partijiet jirrilevaw li r-rabta bejn iż-żewġ kwistjonijiet distinti — is-sistema tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-annimali — saret mill-bidunett mill-Kunsill fil-kuntest tar-Regolament bażiku Nru 805/68, li dwaru kulma għamlet il-Kummissjoni kien li tipprečiża r-regoli ta' applikazzjoni fil-qafas tar-Regolament Nru 615/98 in eżami. Hu x'inhu, il-protezzjoni ta' l-annimali tikkorrispondi għal rekwiżit ta' interess pubbliku li l-Komunità tieħdu in kunsiderazzjoni fi ħdan il-politika agrikola komuni u li s-sistema tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni tirrappreżenta strument essenzjali tiegħu.

23. Barra minn hekk, dak li jipprovdi l-Artikolu 5(3) tar-regolament in kwistjoni, li abbażi tiegħu tiġi miċħuda r-rifużjoni fuq l-esportazzjoni minħabba n-nuqqas ta' osservanza ta' kwalunkwe dispożizjoni tad-Direttiva 91/628 u indipendentement mis-serjetà tan-nuqqas, hu konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità peress li, biex jintlaħaq l-għan li jiġu protetti l-annimali, ma jeżistux miżuri li huma kapaċi jaffettwaw inqas lill-esportaturi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li r-regoli stabbiliti mid-direttiva jirrappreżentaw standards minimi ta' protezzjoni ta' l-annimali, li jekk ma jiġux osservati, anki jekk minimament, jitqiegħed f'riskju l-benesseri ta' l-annimali, u kien għal din ir-raġuni li l-leġiżlatur Komunitarju, meta impona l-osservanza tad-direttiva in kwistjoni, kellu l-ħsieb li jistabbilixxi kundizzjoni oġġettiva biex jinkisbu r-rifużjonijiet, sabiex jevita li l-Komunità tiffinanzja esportazzjonijiet li jsiru bi ksur ta' rekwiżit ta' interess pubbliku fuq il-livell Komunitarju.

24. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, Viamex ipproponiet interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 91/628 applikabbli għal dan il-każ, billi invokat, b'mod partikolari, l-applikabbiltà għal dan il-każ tat-titwil eċċezzjonali tal-vjaġġ b'sagħtejn, meta titqies il-qrubija tal-post

ta' destinazzjoni li jista' jiġi identifikat bħala l-punt ta' ħruġ mit-territorju doganali tal-Komunità. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' osservanza taż-żminijiet ta' vvjaġġar u ta' mistrieħ għandu jkun permess fil-każijiet ta' forza maġġuri, bħal dawk li huma preżenti f'dan il-każ fejn it-trasport dam akar minn dak li kien previst minħabba inċident, u fejn il-perijodu ta' mistrieħ ta' 24 siegħa ma ġiex irrispettat biex jiġu eżegwiti l-ordnijiet mogħtija lit-trasportatur mill-veterinarju ta' mal-fruntiera.

III — L-analiżi legali

25. Bid-domanda in kwistjoni l-qorti tar-rinviju qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tippreċiża jekk l-Artikolu 1 tar-Regolament 615/98 jistax jitqies validu fil-parti fejn jissuġġetta l-għoti tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjonijiet hija suġġetta għall-osservanza tad-Direttiva 91/628.

26. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji dwar il-validità ta' l-isemmi artikolu fuq il-bażi ta' diversi kunsiderazzjonijiet li se neżamina issa.

27. L-ewwelnett, il-Finanzgericht Hamburg qed tistaqsi jekk ir-referenza li jagħmel l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 615/98 għad-direttiva dwar il-protezzjoni ta' l-annimali hijiex valida meta jitqies li ż-żewġ strumenti in kwistjoni għandhom għanijiet differenti. Fil-fehma tagħha, jekk il-ħlas tar-rifużjonijiet ikun suġġett għall-prova tal-konformità mad-Direttiva 91/628 tkun qed tiġi kkreata kundizzjoni għall-ħlas tar-rifużjonijiet li m'għandha l-ebda rabta diretta jew indiretta ma' l-għanijiet ta' din is-sistema ta' finanzjament u barra minn hekk twassal biex jiġi sanzjonat aġir mhux dannuż għall-interessi finanzjarji tal-Komunità. L-imsemmija qorti tistaqsi wkoll jekk ir-referenza in kwistjoni tistax titqies valida peress li fil-każ konkret tissanzjona lill-esportatur minħabba li ma ssodisfax il-kundizzjonijiet tat-trasport previsti minn kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet tad-direttiva bit-telf tad-dritt għar-rifużjoni (jew bl-obbligu tar-rimbors tar-rifużjoni mħallsa bil-quddiem li diġà kiseb), indipendentement minn kemm kellu tort talli ma ġewx sodisfatti l-kundizzjonijiet u kemm kien serju l-ksur.

28. Rigward l-ewwel punt, għandu jiġi mfakkar li r-Regolament Nru 615/98 in kwistjoni, li jippreċiża r-regoli ta' applikazzjoni tas-sistema tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga, ġie adottat mill-Kummissjoni biex jiġi implementat ir-Regolament bażiku tal-Kunsill Nru 805/68 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-laħam taċ-ċanga, hekk kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 2634/97 tat-18 ta' Diċembru 1997.

29. B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 615/98 jikkostitwixxi miżura li timplementa dak li ġie espressament previst mill-Artikolu 13(9) tar-Regolament bażiku Nru 805/68. Skond il-paragrafu 9 ta' dan l-artikolu, hekk kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 2634/97, il-ħlas tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga hu suġġett għall-osservanza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-benesseri ta' l-annimali, b'mod partikolari, il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport, fejn fost affarijiet oħra fl-ewwel premessa tar-Regolament Nru 2634/97 tissemma' speċifikatament id-Direttiva 91/628.

30. Għalhekk jirriżulta li l-għażla, li qed tqanqal id-dubji tal-qorti tar-rinviju, li tingħata importanza lil-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-benesseri ta' l-annimali fil-kuntest tas-sistemi ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, li tippermetti t-telf tad-dritt għar-rifużjoni fil-każ li ma tiġix osservata din il-leġiżlazzjoni, hija għażla li saret millbidunett min-naħa tal-Kunsill fil-kuntest tar-Regolament bażiku li jistabbilixxi l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur tal-laħam taċ-ċanga, li fir-rigward tiegħu kulma tagħmel il-Kummissjoni huwa li fir-Regolament Nru 615/98 tippreċiża r-regoli ta' applikazzjoni.

31. Minkejja li l-osservazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju ma jikkonċernawx l-Artikolu 13(9) tar-Regolament bażiku, imma jikkonċernaw biss l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 615/98 li jistabblixxi r-regoli ta' applikazzjoni tiegħu, għandha titfakkar ir-rabta li ġiet istitwita fir-Regolament bażiku bejn iż-żewġ strumenti distinti dwar ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni u dwar il-benesseri ta' l-annimali. Din ir-rabta ġiet istitwita leġittimament mill-Kunsill fl-eżerċizzju tas-setgħat diskrezzjonali wiesa' li ngħatawlu għat-twettiq tal-politika agrikola komuni. Fil-fatt, meta ta importanza lil-leġiżlazzjoni dwar il-benesseri ta' l-annimali fil-kuntest tas-sistema tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, il-Kunsill ipprovda biex jiġi salvagwardjat wieħed mir-rekwiżiti ta' interess pubbliku li, skond dak li ppreċiżat il-Qorti tal-Ġustizzja, l-istituzzjonijiet iridu jqisu waqt li jipprovaw jilħqu l-għanijiet tal-politika agrikola, speċjalment fil-kuntest ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq [6].

32. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-benesseri ta' l-annimali, minbarra li hija risposta għas-sentiment komuni li l-annimali m'għandhomx jiġu esposti għal tbatija għal xejn u li tikkontribwixxi direttament u indirettament għas-salvagwardja tal-kwalità tal-prodotti ta' l-ikel, għandha l-għan li tiffissa l-istandards minimi ta' protezzjoni komuni għall-Istati Membri kollha sabiex jiġu evitati differenzi fit-trattament bejn l-operaturi ekonomiċi u l-ostakoli għall-moviment liberu tal-merkanzija.

6 — Ara, per eżempju, is-sentenza tat-23 ta' Frar 1988, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (68/86, Ġabra p. 855, punt 12). L-importanza tal-ħtiġijiet fir-rigward tal-benesseri ta' l-annimali filformulazzjoni u fit-twettiq tal-politiki Komunitarji fis-settur ta' l-agrikoltura tiġi espressament rikonoxxuta mill-Protokoll dwar il-protezzjoni u l-benesseri ta' l-annimali anness mat-Trattat ta' Amsterdam (ĠU 1997, C 340, p. 110).

33. Jekk, kif ġie indikat, għandha titqies bħala leġittima l-għażla li għamel il-Kunsill rigward ir-Regolament Nru 805/68, kif emendat bir-Regolament Nru 2634/97, li jistabbilixxi rabta bejn is-sistema tar-rifużjonijiet u l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni ta' l-annimali, għandha titqies leġittima wkoll ir-referenza għall-istess leġiżlazzjoni li għamlet il-Kummissjoni fl-eżekuzzjoni tal-kompetezi ddelegati lilha f'dan ir-rigward mill-Kunsill, biex tirregola s-sistema tar-rifużjonijiet permezz tar-Regolament Nru 615/98.

34. Barra minn hekk, l-użu ta' dak li jissejjaħ cross referencing, li l-leġiżlatur Komunitarju uża anki f'kuntesti oħra [7], ma tmur kontra l-ebda dispożizzjoni speċifika, u lanqas ma tmur kontra kontra xi prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju.

35. Għaldaqstant, inqis li d-dubji li wriet il-qorti tar-rinviju dwar il-validità ta' l-imsemmi Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 615/98, mill-perspettivi li ġew eżaminati fil-paragrafi preċedenti mhumiex fondati.

36. Rigward it-tieni punt, jiġifieri r-riżultat konkret li twassal għalih ir-referenza in kwistjoni, il-Finanzgericht Hamburg, biex timmotiva t-talba li għamlet għal deċiżjoni preliminari, l-ewwelnett tirrileva li r-referenza msemmija tinvolvi l-inkorporazzjoni fir-regolament, u b'hekk, fir-regolamentazzjoni tad-dritt għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' l-annimali in kwistjoni, ta' sensiela ta' regoli li "b'dispjaċir kbir mhumiex preċiżi " u li fl-aħħar mill-aħħar, rigward ir-rifużjonijiet, la l-esportatur u lanqas l-awtorità kompetenti ma jistgħu jifhmu l-formulazzjoni konkreta ta' l-isemmija dispożizzjonijiet; tosserva wkoll li "kemm l-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll il-qrati huma prekluži, *a priori*, meta jitqies il-prinċipju ta' proporzjonalità, milli jiddeċiedu li ma jiċħdux ir-rifużjoni fil-każ ta' ksur minimu u li jsir intortament tad-Direttiva dwar il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport, jew li jiċħdu r-rifużjoni biss parzjalment" [8].

37. B'dawn l-osservazzjonijiet, il-Finanzgericht Hamburg qed turi li qed tqis id-domanda tagħha dwar il-validità tar-referenza li l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 615/98 jagħmel għad-Direttiva 91/628 hija marbuta mill-qrib ma' dik dwar il-proporzjonalità tal-konsegwenzi li l-Artikolu 5(3) jislet min-nuqqas ta' sodisfazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-trasport previsti mid-direttiva. Huma marbuta għaliex għandha l-ħsieb li titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża jekk, skond id-dritt Komunitarju, tali referenza, anki jekk minnha nfisha tkun leġittima, titlifx

7 — F'dan ir-rigward, il-Gvern Żvediż jiċċita r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU L 270, p. 1).

8 — Ara d-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju.

il-validità tagħha meta ssir għal direttiva li tinkludi dispożizzjonijiet ferm indeterminati u għalhekk ma jidhirx li tkun qed timponi fuq id-destinatarji tagħha regola proporzjonata.

39. Is-sistema prevista mid-direttiva, minnha nfisha, m'għandhiex impatt dirett fuq l-operaturi li f'isimhom isir it-trasport, imma toħloq sitwazzjoni fejn l-operaturi jiġu affettwati direttament mil-leġiżlazzjonijiet ta' l-Istati Membri li jimplementawha.

38. L-ispeċifikazzjoni tad-domanda li saret lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta hija importanti għar-risposta li trid tingħata għall-problemi li nqalgħu fil-kawża prinċipali peress li r-regoli speċifiċi u konkreti dwar id-dritt għar-rifużjonijiet stabbilit mir-Regolament Nru 615/98 għandhom għan ferm differenti minn dawk speċifiċi u konkreti previsti mid-Direttiva 91/628 b'referenza għall-protezzjoni ta' saħħet l-annimali matul it-trasport; din ta' l-aħħar fil-fatt tistabbilixxi l-obbligu ta' l-Istati Membri li jiżguraw li matul it-trasport jiġu rispettati ċerti kriterji, billi tipprovdi, skond l-Artikolu 18, li l-Istati Membri jadottaw "miżuri speċifiċi xierqa" sabiex kull ksur tad-Direttiva li jsir minn persuni fiżiċi jew legali tiġi sanzjonata u billi tippresupponi li, fil-perijodu li matulu l-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-implementazzjoni tad-direttiva, jagħmlu "speċifikazzjoni" tagħhom; min-naħa l-oħra, ir-Regolament Nru 615/98, "jissanzjona" n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli relattivi għat-trasport inklużi fid-direttiva, mhux b'sistema ta' miżuri speċifiċi xierqa, skond is-serjetà ta' kull tip ta' ksur, imma b'miżura waħda u iebsa li tissarraf fl-esklużjoni mid-dritt għar-rifużjonijiet, esklużjoni li għandha tiġi applikata għal kwalunkwe ksur li jsir tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva.

40. Billi jgħaddu mill-kuntest oriġinali tagħhom, ir-regolamentar tat-trasport, għal dak li jirriżulta mir-referenza magħmula fir-Regolament Nru 615/98, dawn ir-regoli għandhom impatt dirett fuq l-esportaturi individwali. Konsegwentement, dan ir-regolament bħal kull deċiżjoni li tiġi adottata fuq il-bażi ta' l-istess regolament — meqjus fil-funzjoni attribwita lilu mill-imsemmija referenza — ma jistgħux jitqiesu leġittimi a) jekk ma jkollhomx bażi ċara u inekwivoka fl-istess regolament, u b) jekk l-effetti tagħhom ikunu sproporzjonati.

41. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li skond il-prinċipju fundamentali taċ-ċertezza legali, li jipprovdi li l-leġiżlazzjoni Komunitarja għandha tkun ċara u l-applikazzjoni tagħha għandha tkun prevedibbli għall-partijiet interessati kollha, sanzjoni, anki jekk ma tkunx ta' natura penali, tista' tiġi imposta biss jekk ikollha bażi legali ċara u inekwivoka [9]. Barra minn

9 — Ara, per eżempju, is-sentenzi tat-18 ta' Novembru 1987, Maizena (137/85, Ġabra p. 4587, punt 15) u tat-12 ta' Diċembru 1990, Vandermoortele vs Il-Kummissjoni (C-172/89, Ġabra p. I-4677, punt 9).

hekk, il-prinċipju ta' proporzjonalità jeħtieġ li l-istrumenti li jintużaw minn istituzzjoni Komunitarja jkunu adattati sabiex jiksbu l-għan imfittex u ma jmorrux lilhinn minn dak li jkun meħtieġ biex dan jintlaħaq [10] u li għaldaqstant, l-oneri eventwali imposti fuq l-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu proporzjonati għall-għanijiet imfittxa fil-kuntest ta' l-azzjoni Komunitarja.

42. It-talba għal kjarifika li l-Finanzgericht Hamburg għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja timplika, evidentement, verifika tal-kompatibbiltà ma' l-imsemmija żewġ ħtiġijiet tar-referenza magħmula fir-regolament għad-direttiva, u din il-verifika ma tistax tinjora l-ħtieġa ta' bilanċ adegwat bejn il-garanzija li jintlaħqu l-għanijiet tal-politiki Komunitarji u l-protezzjoni ġuridika tal-persuni li huma d-destinatarji tagħhom.

43. F'dan ir-rigward għandha tingħata attenzjoni għall-fatt li d-direttiva tipprovdi li r-responsabbiltà għall-protezzjoni ta' saħħet l-annimali matul it-trasport mhijiex biss ta' l-esportatur jew tar-rappreżentant tiegħu imma anki ta' l-Istati Membri; dawn, skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva, "għandhom jassiguraw li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex ma jħallux jew inaqqsu għall-minimu kull dewmien matul it-trasport jew tbatija mill-annimali meta strikes jew ċirkostanzi oħra mhux previsti jimpedixxu l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva" u skond it-tieni sentenza ta' l-istess dispożizzjoni, għandhom jagħmlu arranġamenti speċjali fil-portijiet, u fil-postijiet ta' spezzjoni mal-fruntiera biex jitħaffef it-trasport ta' l-annimali taħt kundizzjonijiet li jkunu konformi mal-ħtiġijiet ta' l-istess direttiva.

44. Fid-dawl ta' din ir-responsabbiltà maqsuma biex tkun żgurata l-protezzjoni ta' saħħet l-annimali matul it-trasport ta' l-annimali ta' l-ifrat ma tistax ma tingħatax importanza lill-informazzjoni, li diġà ssemmiet aktar 'il fuq fil-punt 13, li tirriżulta b'mod ċar mid-digriet tat-Taqsima IV tal-Finanzgericht Hamburg ta' l-10 ta' Jannar 2006.

45. Kif intqal aktar 'il fuq, permezz ta' dan id-digriet il-Finanzgericht qed tifformula d-domanda li għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja fejn bdiet b'konstatazzjoni li din ta' l-aħħar trid bilfors iżżomm magħha fil-qafas tal-funzjonijiet li jattribwilha l-Artikolu 234 KE: hija kkonstatat li wara perijodu ta' mistrieħ ta' 20 siegħa, li seħħ wara l-ewwel fażi tal-vjaġġ li, skond id-direttiva, kellha tiġi segwita minn perijodu ta' mistrieħ ta' 24 siegħa, it-tkomplija tat-trasport ta' l-annimali in kwistjoni seħħet "fuq ordni tal-veterinarju kompetenti" b'mod konformi mal-prattika li "l-veterinarju li jkun għassa ġeneralment jiddeċiedi fuq il-mument meta l-annimali jitgħabbew

10 — Ara s-sentenza Maizena, iċċitata aktar 'il fuq, punt 15, u s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2002, Käserei Champignon Hofmeister (C-210/00, Ġabra p. I-6453, punt 59).

u meta jkompli t-trasport ta' l-annimali u li s-sewwieq stess bl-ebda mod ma jista' jinfluwenza d-deċiżjoni wara kemm-il siegħa ta' mistrieħ it-trasport jitlaq mill-ġdid mill-post ta' waqfien"; u dan, evidentement, wara li jkun ġie aċċertat li t-tkomplija tal-vjaġġ ma jkun se tagħmel l-ebda ħsara lill-annimali.

46. Dak li ntqal aktar 'il fuq:

a) jikkonferma b'mod konkret dak li diġà ġie rrilevat rigward il-fatt li d-direttiva tipprovdi għal attivitajiet u responsabbiltajiet għall-protezzjoni tas-saħħa ta' l-annimali mhux biss min-naħa ta' l-esportaturi imma anki ta' l-Istati Membri, u

b) juri b'mod ċar li r-regolament tal-Kunsill u dak tal-Kummissjoni, billi jitfgħu kull responsabbiltà għas-saħħa ta' l-annimali fuq l-esportatur u billi jimponu awtomatikament u b'mod ferm riġidu sanzjoni fuqu jekk ma jiġix rispettat orarju li l-osservanza tiegħu tista' tiddependi anki mill-aġir ta' l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri u dan anki f'każijiet fejn l-awtoritajiet nazzjonali, li l-Komunità attribwitilhom il-kompitu tas-sorveljanza, jixhdu li l-annimali jkunu f'saħħithom u jistgħu jew iridu jkomplu bil-vjaġġ, kisru l-prinċipju ta' proporzjonalità li, skond kif ġie ppreċiżat kemm-il darba mill-ġurisprudenza Komunitarja li tissemma' fil-punt 41, jimplika li mhuwiex possibbli li l-istituzzjonijiet jużaw is-setgħat tagħhom biex imorru lilhinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jilħqu l-għanijiet li għalihom ngħatawlhom tali setgħat. Billi adottaw l-imsemmija regolamenti, il-Kunsill u l-Kummissjoni, filwaqt li injoraw il-fatt li d-dritt Komunitarju jixħet ir-responsabbiltà għall-protezzjoni tas-saħħa ta' l-annimali, anki fuq l-Istati Membri, marru lilhinn minn dak li seta' neċessarjament u raġonevolment jintalab mill-esportaturi.

47. Konsegwentement għad-domandi li saru mill-Finanzgericht Hamburg, meta jitqies dak li ngħad akar 'il fuq, trid tingħata risposta affermattiva. U dan japplika kemm fir-rigward tal-kawża C-37/06 kif ukoll fir-rigward tal-kawża C-58/06.

48. Ma jistax jitqies li l-konklużjoni li wasalt għaliha fil-paragrafu preċedenti tmur kontra l-ġurisprudenza li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja qieset bħala kompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità — u għaldaqstant valida — ir-regolamentazzjoni bbażata prinċipalment fuq ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 3665/87, tas-27 ta' Novembru 1987, li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli (ĠU L 351, p. 1). Din il-leġiżlazzjoni, filwaqt li, fil-kuntest ta' promozzjoni u ta' protezzjoni

tal-parteċipazzjoni tal-KE fil-kummerċ internazzjonali tal-laħam taċ-ċanga, tipprovdi għal dritt għal rifużjonijiet u għal ħlasijiet bil-quddiem koperti minn depożitu *sub specie* ta' garanzija bankarja, li jikkorrispondi għall-ammont tar-rifużjonijiet favur l-operaturi li jesportaw l-imsemmija laħam lejn pajjiżi terzi, tippreċiża, anki fil-każ li l-esportazzjoni oriġinarjament prevista ma setgħetx issir minħaba raġunijiet ta' forza maġġuri, li:

a) id-dritt ta' l-esportatur għar-rifużjoni huwa eskluż, u għaldaqstant jingħata lok għad-dmir li jirrimborsa l-ħlas bil-quddiem li kiseb, fejn jinżamm id-depożitu li jkun ġie pprovdut għal dan il-għan, meta l-annimali li fir-rigward tagħhom infetħet proċedura ta' esportazzjoni ma jitqiegħdux fis-suq tal-pajjiż li b'referenza għalih nfetħet il-proċedura ta' esportazzjoni;

b) fil-każ li l-esportatur xorta jkun irnexxielu jesporta l-annimali lejn pajjiż terz li jkun differenti minn dak li b'referenza għalih infetħet il-proċedura ta' esportazzjoni bl-għoti ta' ħlas bil-quddiem u li jkun pajjiż li fir-rigward tiegħu l-Komunità stabbiliet rifużjonijiet iċken, dan l-esportatur irid jirrimborsa iż-żejjed li jkun ingħatalu bil-quddiem relattivament għar-rifużjoni li għandu l-jedd għaliha minħabba l-esportazzjoni li effettivament tkun twettqet [11].

49. L-imsemmija ġurisprudenza mhijiex inkompatibbli mal-konklużjoni li wasalt għalija fil-paragrafu preċedenti 47 għaliex din, anki jekk hija favur esklużjoni tad-dritt għar-rifużjoni u l-konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità ta' regolament li jipprevedi dan id-dritt, tikkonċerna każi fejn l-għanijiet ta' dan id-dritt huma ferm differenti minn dawk li għalihom isseħħ l-esklużjoni tiegħu f'dawn il-każijiet.

50. It-twaqqif mir-Regolament Nru 805/68 ta' sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni kellu u għad għandu l-għan li jiftaħ u li jżomm miftuħa għall-esportazzjonijiet ta' l-annimali ta' l-ifrat is-swieq ta' pajjiżi terzi biex b'hekk tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-KE fil-kummerċ internazzjonali ta' dawn l-annimali sabiex is-suq intern jeħles mill-ammonti żejda li jista' jkun hemm u fl-istess ħin jinżamm livell adegwat ta' dħul ta' l-operaturi involuti fl-agrikoltura [12].

51. L-esportaturi jitħallew igawdu mid-dritt għar-rifużjoni biss jekk ikunu jistgħu jipprovdu evidenza li qiegħdu l-annimali in kwistjoni fis-suq ta' pajjiż terz u fl-istess ħin li neħħewhom mis-suq Komunitarju. L-għoti tar-rifużjonijiet lill-esportaturi jikkostitwixxi l-korrispettiv tal-kontribuzzjoni li b'tali servizz konkret qed jagħtu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika Komunitarja.

11 — F'dan ir-rigward, ara, per eżempju, is-sentenzi tat-28 ta' Marzu 1996, Anglo-Irish Beef Processors International *et* (C-299/94, Ġabra p. I-1925, punt 29) u tad-29 ta' Settembru 1998, First City Trading *et* (C-263/97, Ġabra p. I-5537, punt 36).

12 — Ara, per eżempju, is-sentenza First City Trading *et*, iċċitata aktar 'il fuq, punt 26.

L-"esklużjoni" tad-drittijiet għar-rifużjoni meta l-annimali ma jitqiegħdux fis-suq ta' pajjiżi terzi, fil-fatt, mhijiex esklużjoni tad-drittijiet attwali jew li qegħdin jiġu affermati, imma sempliċement nuqqas ta' attribuzzjoni *ex novo* ta' drittijiet li jeżistu biss fejn ikun ġie vverifikat li tabilħaqq l-annimali tqiegħdu fis-suq ta' pajjiż terz. Mingħajr tqegħid ta' annimali fis-suq ta' pajjiż terz, il-fatt li l-esportatur jingħata drittijiet għar-rifużjoni u li jiġi awtorizzat iżomm il-ħlas bil-quddiem li ngħata fil-prospettiva ta' l-għoti tad-dritt, jikkostitwixxi trasferiment ta' riżorsi Komunitarji mingħajr raġuni. Bl-istess mod, ikun mingħajr raġuni wkoll li l-esportatur jitħalla jżomm id-differenza bejn il-ħlas li ngħatalu bil-quddiem minħabba l-esportazzjoni lejn pajjiż terz u l-ħlas li jkollu jedd għalih minħabba li, dejjem minħabba forza maġġuri, ma setax jesporta l-annimali lejn il-pajjiż li fir-rigward tiegħu nfetħet proċedura ta' esportazzjoni u talli esportahom lejn pajjiż ieħor li għalih il-Komunità stabbiliet rifużjonijiet ta' livell inferjuri.

52. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tal-ġurisprudenza li ġiet iċċitata fil-punt 48, qieset li r-Regolament Nru 3665/87 mhuwiex invalidu għaliex imur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba l-fatt li dan jipprovdi għaż-"żamma ta' parti mid-depożitu, li tammonta għad-differenza bejn l-ammont tar-rifużjoni li ngħatat bil-quddiem u dak tar-rifużjoni effettivament dovuta" [13].

53. Ir-raġuni fundamentali għall-esklużjoni tad-dritt għar-rifużjoni previst mir-referenza li l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 615/98 għamel għad-Direttiva 91/628 hija għal kollox differenti. Kif jirriżulta mill-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/628 dwar il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport, u kif ġie rrilevat aktar 'il fuq, din id-direttiva tobbliga lill-Istati Membri sabiex "jieħdu l-miżuri speċifiċi xierqa biex jippenalizzaw kull ksur ta' din id-Direttiva minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi". Ir-regola li tinsab fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 615/98 li r-rifużjoni ma tingħatax lill-esportatur fil-każ li ma tkunx ġiet "irrispettata" l-imsemmija direttiva ma tirreferix, hekk kif inhu previst mill-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 3665/87, għannuqqas tal-korrispettiv li għaliha hija prevista r-"rifużjoni", imma timponi miżura fuq l-esportatur li hija inkluża fil-firxa tas-sanzjonijiet li l-Artikolu 18 ta' l-isemmija direttiva ppreveda li kellhom jiġu adottati min-naħa ta' l-Istati Membri u li l-Komunità daħlithom fis-seħħ hekk kif kisbet iktar esperjenza f'dan il-qasam u hekk kif ġie affermat is-sentiment

13 — Dan mhuwiex ikkontestat mid-dispożizzjoni li tgħid li l-operaturi li, wara li jkunu kisbu l-ħlasijiet bil-quddiem tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' l-annimali ta' l-ifrat lejn pajjiżi terzi, ma jqiegħdux dawn l-annimali fis-suq ta' pajjiż terz, mhumiex obbligati jirrimborsaw din is-somma meta l-annimali jintilfu matul il-vjaġġ minħabba raġunijiet ta' forza maġġuri. Din l-eżenzjoni mir-rimbors għandha tiġi attribwita biss għal rikonoxximent eċċezzjonali ta' l-isforz li jkun sar xorta waħda min-naħa ta' l-esportatur biex jikkontribwixxi għat-twettiq tal-politika Komunitarja u huwa possibbli biss peress li huwa espressament previst mil-leġiżlatur.

li din trid tieħu r-responsabbiltà iktar effettiva għall-protezzjoni ta' l-annimali.

54. Filwaqt li bl-esklużjoni tad-dritt għar-rifużjoni fil-każ li l-annimali ma jitqiegħdux fis-suq ta' pajjiż terz, permezz tar-Regolament Nru 3665/87 il-Kummissjoni ma ħallietx li jingħata lok għal dritt, meta adottat ir-Regolament Nru 615/98, hija kellha impatt fuq pożizzjoni legali intiża speċifikament li tagħti lok għal dritt għar-rifużjoni fil-każijiet meta l-esportaturi, anki b'dewmien żgħir li ma jkunx ġie kkawżat esklużivamnet b'tort tagħhom, jaslu biex iqiegħdu fis-suq tal-pajjiż terz ta' destinazzjoni, jew fis-suq ta' pajjiż terz ieħor, l-annimali li għalihom infetħet proċedura ta' esportazzjoni.

55. Minħabba li r-Regolament Nru 615/98 qed jistabbilixxi sanzjoni, anki jekk amministrattiva, li għandha l-għan li jkollha impatt fuq id-drittijiet ta' persuni suġġetti għad-dritt Komunitarju, ir-regolament jista' jkun leġittimu biss jekk l-effetti tiegħu jkunu proporzjonati għall-għanijiet mixtieqa. U, kif intqal aktar 'il fuq, l-effetti ta' dan ir-regolament mhumiex proporzjonati.

IV — Konklużjoni

56. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li ssemmew aktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għaż-żewġ domandi preliminari li għamlet il-Finanzgericht ta' Hamburg f'daqqa kif ġej:

"L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 615/98, tat-18 ta' Marzu 1998, li jistabbilixxi regoli dettaljati li japplikaw is-sistema tar-rifużjoni fuq

l-esportazzjoni fir-rigward tal-benesseri ta' annimali ta' l-ifrat ħajjin matul it-trasport għandu jitqies invalidu minħabba li jmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità inkwantu, permezz tar-referenza li jagħmel għad-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE, tad-19 ta' Novembru 1991, dwar il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport u li jemenda d-Direttivi 91/425/KEE u 91/496/KEE, minflok ma jdaħħal fis-seħħ 'sanzjonijiet speċifiċi u xierqa', hekk kif dik id-direttiva titlob mill-Istati Membri, jixħet kull responsabbiltà għall-protezzjoni ta' l-annimali fuq l-esportatur u jipprevedi awtomatikament u b'mod riġidu t-telf min-naħa tiegħu tad-dritt għar-rifużjoni u jimponi din is-sanzjoni għan-nuqqas ta' rispett ta' orarju li n-nuqqas ta' osservanza tiegħu jista' jiddependi anki mill-aġir ta' l-awtoritajiet nazzjonali u jżomm is-sanzjoni anki fil-każ fejn dawn ta' l-aħħar iqisu li l-annimali huma f'saħħithom, u jħeġġu lit-trasportatur biex ikompli bil-vjaġġ irrispettivament mill-osservanza ta' l-orarju msemmi."